MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**IAN FARRUGIA**

Seduta tas-27 ta' Awwissu, 2013

Numru 457/2013

**Il- Pulizija**
**(Spettur Herman Mula)**

**Vs**

**Terrence Cini**

Il-Qorti;

Wara li rat li l-imputat Terence Cini ta’ 28 sena’ bin Carmelo u Anna nee’ Agius imwieled Pieta’ fil-25 t’Awissu 1985 u joqghod ‘Casa Blondie’, Triq il-Poezija, Qormi, u No. 60 Triq Mamo, Zebbug detentur tal-karta tal-identita` bin-numru 422585M gie mressaq quddiemha :

Akkuzat talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-25 t’ Awwissu 2013 u matul il-granet ta’ qabel din id-data, gewwa l-Marsa, kif ukoll f’diversi postijiet diversi madwar Malta;

1) Kellu fil-pussess tiegħu id-droga kokaina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Principali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenzja jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenzja mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu għall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, **liema droga instabet f'tali ċirkustanzi li juru li ma kinitx ghall-uzu esklussiv tiegħu**;

Kif ukoll talli f'dawn il-Gzejjer, nhar il-25 t'Awwissu 2013 u matul ix-xhur ta' qabel din id-data;

2) Kellu fil-pussess tiegħu id-droga herojina speċifikata fl-ewwel skeda ta' l-Ordinanza dwar il-mediċini perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta, meta ma kienx fil-pussess ta' awtorizzazjoni għall-importazzjoni jew għall-esportazzjoni maħrug mit-Tabib Prinċipali tal-Gvern skond id-dispozizzjonijiet tar-4 u s-6 Taqsima ta' l-Ordinanza u meta ma kienx bil-liċenza jew xort' oħra awtorizzat li jimmanifattura, jew li jforni d-droga msemmija u meta ma kienx b'xi mod ieħor bil-liċenza mill-President ta' Malta li jkollu d-droga msemmija fil-pussess tiegħu u naqas li jipprova li d-droga msemmija ġiet fornuta lilu ghall-uzu tiegħu skond ir-riċetta kif provdut fir-regolamenti msemmija u dan bi ksur tar-regoli ta' l-1939 dwar il-kontroll intern tad-drogi perikoluzi (G.N. 292/1939) kif sussegwentament emendati u bi ksur ta' l-Ordinanza dwar il-Medicini Perikoluzi Kap 101 tal-Liġijiet ta' Malta;

3) talli kkommetta reat punibbli bi priġunerija waqt perjodu operattiv ta' sentenza sospiza ta' priġunerija, liema sentenza ingħatat mill-Magistrat Dr. E. Grima LLD nhar it-

8 ta’ Jannar 2011, liema sentenza saret definittiva u ma tistax tigi mibdula

Il-Qorti hija mitluba li f'kaz ta’ htija barra milli tapplika l-piena skond il-ligi tordna lill-imputat ihallas l-ispejjez li ghandhom x'jaqsmu mal-hatra ta' l-esperti skond l-artikolu 533 (1) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Il-Qorti hija mitluba sabiex tissekwestra f’idejn terzi persuni b’mod generali il-flejjes u l-proprjeta’ mobbli jew immobbli kollha li jkunu dovuti lil jew ikunu imissu lill-akkuzati jew huma proprjeta’ taghhom, kif ukoll sabiex il-Qorti tipprojbixxi lill-akkuzati milli jittrasferixxu jew xort’ohra jiddisponu minn xi proprjeta’ mobbli jew immobbli; u dan ai termini ta’ l-artikolu 22A ta’ l-Ordinanza Dwar il-Medicini Perikoluzi, Kap 101 tal-Ligijiet ta’ Malta, u ta’ l-artikolu 23A tal-Kodici Kriminali Kap. 9 tal-Ligijiet ta’ Malta

Rat il-verbal tas-Seduta ta’ llum stess;

Rat l-atti u d-dokumenti;

Rat l-Ordni ta` l-Avukat Generali bis-sahha ta` l-Artikolu 22(2) tal-Kapitolu 101 sabiex din il-kawza tinstema minn din il-Qorti bhala Qorti ta` Gudikatura Kriminali;

Semghet l-ammissjoni inkondizzjonata tal-imputat anki wara li inghata z-zmien skond il-Ligi sabiex jirrikonsidra tali ammissjoni;

Semghet is-sottomissjonijiet finali ta’ l-Ufficjal Prosekutur kif wkoll tad-difensur in tema ta’ piena.

Ikkunsidrat;

Illi la darba l-imputat irregistra ammissjoni inkondizzjonata ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu, u wara li ghamlet l-accertamenti kollha mehtiega skond il-ligi meta ssir ammissjoni tali, u wara li qieset sew l-istqarrija tal-imputat u l-oggetti elevati u esebiti, l-Qorti tiddikjara li l-imputazzjonijiet migjuba kontra tieghu jinsabu

sodisfacentement ippruvati u ghalhekk ma ghandiex triq ohra hlief li tghaddi biex taghti s-sentenza.

Illi in tema ta’ piena l-Qorti kkunsidrat is-sottomissjonijiet ta’ l-Ufficjal Prosekutur fejn qal li dan kien kaz fejn wara li l-imputat gie ntercettat mill-pulizija gewwa l-Marsa waqt li kien bil-vettura tieghu KQZ-275, instabulu ossia huwa ta lill-pulizija, madwar ghoxrin qartas suspettati li kellhom is-sustanza kokaina. Fil-kors ta` l-investigazzjoni instabu aktar oggetti relatati mal-abbuz tad-droga partikolarment numru ta` xfafar li komunement jintuzaw biex tigi mqassma s-sustanza. L-imputat ittiehed ghal aktar investigazzjoni u ghazel li jirrilaxxja stqarrija fejn fiha jassumi r-responsabbilta` tal-pussess tas-sustanza kokaina u accetta li kien anki kkonsma d-droga eroina (apparti wkoll il-kokaina). Fattur mhux ta` ftit importanza, u dan johrog mill-istqarrija, hu li l-imputat ma jindikax minghand min kien jakkwista l-kokaina. In vista ta` dan, l-ufficjal prosekutur iddikjara, fis-sottomissjonijiet tieghu, illi l-imputat ma jistax jibbenefika mid-dispost ta` l-Artikiolu 29 tal-Kap 101. Il-prosekuzzjoni irriteniet illi dan hu kaz fejn ghandha tinghata piena karcerarja adegwata w it-terminu ta` sentejn habs li kienu sospizi ghandhom jidhlu fis-sehh minnufih.

Illi in tema ta’ piena l-Qorti kkonsidrat ukoll is-sottomissjonijiet tad-difensur ta’ l-imputat. Id-difiza ghamlet enfasi fuq l-ammissjoni bikrija tal-imputat u l-konsegwenza li din normalment ikollha fil-kalibrazzjoni tal-piena. Id-difiza argumentat in oltre li l-ammont ta` droga kokaina misjuba, imqassma f’madwar ghoxrin qartas, ma hiex ta` kwantita` konsiderevoli izda accettat li c-cirkostanzi juru li in effetti d-droga kokaina ma kienetx ghall-uzu esklussiv tal-imputat.

Illi certament, dawn il-fatturi kollha qed jittiehdu in konsiderazzjoni u certament ukoll li lkoll ser ikunu riflessi fil-piena li l-Qorti tinfliggi. Il-Qorti hadet in konsiderazzjoni wkoll l-fatt li, ghalkemm il-fedina penali tal-hati ma hijiex wahda voluminuza, hija ndikattiva pero` ta` persuna li f’certu mument fil-hajja tieghu iddecieda li jinklina ruhu lejn il-kriminalita`.. Fil-kuntest ta` dak kollu rizultanti f’dan il-

kaz, din il-Qorti trid tibghat messagg illi kull min jinstab hati ta` pussess ta` droga, liema droga tkun intiza ghall-ispacc, jehtieg li jigi punit bil-karcerazzjoni u b'dan il-mod il-piena tkun qed isservi kemm ta` deterrent kif ukoll tkun qed taghmel gustizzja mas-socjeta`.

**Ghall-dawn il-mottivi, l-Qorti**, wara li rat l-Artikolu 17 u 28B tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta, kif ukoll it-Taqsimiet 4 u 6, l-Artikoli 22(1)(a), 22(2)(b)(i) u 22(2)(b)(ii) tal-Kap 101 tal-Ligijiet ta' Malta u r-Regolamenti 4 u 9 tal-G.N. 292/1939, issib lil Terence Cini hati ta' l-imputazzjonijiet kollha kif dedotti kontra tieghu u tikkundannah ghall-piena ta' prigunerija ta' sittax (16)-il xahar u multa ta` hames mitt Euro (€500). In oltre, bis-sahha tal-Artikolu 28B tal-Kap 9, tordna li t-terminu ta` sentejn (2) prigunerija imposti bis-sentenza tat-8 ta` Jannar 2011 moghtija mill-Magistrat Dr. Edwina Grima LL.D, jidhlu fis-sehh minnufih.

Stante d-dikjarazzjoni tal-prosekuzzjoni fil-verbal ta` l-udjenza ta` llum stess, il-Qorti tastjeni milli timponi l-provvedimenti tal-Artikoli 533(1) u 23A tal-Kap 9, u ta` l-Artikolu 22A tal-Kap 101.

In oltre, l-Qorti tordna l-konfiska tat-tlett (3) mobile phones esebiti bhala Dok HM10, kif ukoll taz-zewg ammonti ta` flus, u cioe` €385 u €55, li gew esebiti rispettivament bhala Dok HM5 u HM6. Finalment, il-Qorti tordna d-distruzzjoni tad-droga esebita u ta` dak kollu li ghandu x'jaqsam mal-abbuz tad-droga li jinsab fid-dokumenti esebiti bhala Dok HM7, Dok HM8 u Dok HM9 hekk kif din is-sentenza tghaddi in gudikat, u dan taht il-harsien tar-Registratur li ghandu jirredigi proces-verbal li jiddokumenta l-procedura tad-distruzzjoni, liema dokument ghandu jigi inserit fl-atti ta` din il-kawza mhux aktar tard minn hmistax-il jum minn tali distruzzjoni.

Il-Qorti tordna li, ai termini ta' l-Artikolu 392A tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, l-atti kollha ta' dan il-prodediment u kopja ta' din is-Sentenza jintbghatu lill-Avukat Generali fiz-zmien moghti mill-Ligi.

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------